31985L0303

15.6.1985 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 156/23

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL
ta' l-10 ta' Ġunju 1985
li temenda Direttiva 69/335/KEE rigward taxxi indiretti fuq il-ġbir ta' kapital

(85/303/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 99 u 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni (1),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (2),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali (3),

Billi taxxi indiretti fuq il-ġbir ta' kapital ikunu armonizzati fil-livell tal-Komunità bid-Direttiva 69/335/KEE (4), kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 74/553/KEE (5); billi Direttiva 73/80/KEE (6) stabbiliet rati komuni għal dawn it-taxxi;

Billi l-effetti komuni tad-dazju kapitali huma ta' ħsara għar-ragruppament u l-iżvilupp ta' intrapriżi; billi dawn l-effetti huma partikolarment ta' ħsara fis-sitwazzjoni ekonomika preżenti fejn hemm bżonn importanti li għandha tingħata prijorità lill-istimulazzjoni ta' l-investiment;

Billi l-aħjar soluzzjoni sabiex jintlaħqu dawn l-oġġettivi tkun li jitneħħew dazju kapitali; billi, madankollu, it-telf ta' dħul li sussegwentement jirriżulta minn din il-miżura m'huwiex aċċettabbli għal ċerti Stati Membri; billi l-Istati Membri għandhom għalhekk jingħataw l-opportunità li jkunu jistgħu jeżentaw minn jew bla ħsara għad-dazju kapitali kull jew parti mit-transazzjonijiet li jsiru fi ħdanha, ħalli jkun mifhum li rata waħda ta' taxxa trid tiġi debitata f'wieħed u l-istess Stat Membru;

Billi għandu jkun hemm eżenzjoni mandatorja għat-transazzjonijiet li bħalissa huma bla ħsara għar-rata mnaqqsa ta' dazju kapitali;

Billi fl-1 ta' Lulju 1984 l-ebda dazju kapitali ma kien jeżisti fil-Greċja; billi, għal din ir-raġuni, disposizzjoni għandha ssir għall-possibbiltà li jiġi introdott dazju bħal dan fil-Greċja u li jiġu eżentati ċertu transazzjonijiet minnu,

ADDOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Direttiva 69/335/KEE hija b'dan emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 4(2):

— il-frażi introduttorja hija mibdula b'dan li ġej:

"2. Is-segwenti transazzjonijiet jistgħu, sakemm kienu ġew intaxxati bir-rata ta' 1 % sal-1 ta' Lulju 1984, jissoktaw ikunu bla ħsara għad-dazju kapitali:";

— is-segwenti sottoparagrafu għandu jiġi miżjud fl-aħħar:

"Madankollu, ir-Repubblika Ellenika għandha tistabbilixxi liema mit-transazzjonijiet elenkati hawn fuq għandha tissoġġetta għad-dazju kapitali."

(1) ĠU C 267, tas-6.10.1984, pġ. 5.
(2) ĠU C 46, tat-18.2.1985, pġ. 77.
(3) ĠU C 87, tad-9.4.1985, pġ. 21.
(4) ĠU L 249, tat-3.10.1969, pġ. 25.
(5) ĠU L 303, tat-13.11.1974, pġ. 9.
(6) ĠU L 103, tat-18.4.1973, pġ. 15.

2. L-Artikolu 7 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 7*

1. L-Istati Membri għandhom jeżentaw mid-dazju kapitali transazzjonijiet, barra dawk li għalihom saret referenza fl-Artikolu 9, li huma sal-1 ta' Lulju 1984, eżenti jew intaxxati b'kull rata ta' 0,50 % jew inqas.

L-eżenzjoni għandha tkun suġġetta għall-kondizzjonijiet li kienu applikabbli, f'dik id-data, għall-għoti ta' l-eżenzjoni jew, skond kif inhu l-każ, għal imposizzjoni ta' rata ta' 0,50 % jew inqas.

Ir-Repubblika Ellenika għandha tistaBbilixxi liema transazzjonijiet għandha teżenta mid-dazju kapitali.

2. L-Istati Membri jistgħu jew jeżentaw mid-dazju kapitali kull transazzjoni barra dawk li għalihom saret referenza fil-paragrafu 1, jew iżżomm dazju fuqhom b'rata waħda li ma taqbiżx il-1 %.

3. Fil-każ ta' żieda fil-kapital tal-kumpanija b'mod konformi ma' l-Artikolu 4(1)(ċ), wara tnaqqis fil-kapital tal-kumpanija bħala riżultat tat-telf magħmul, dik il-parti taż-żieda li tikkoRrispondi mat-tnaqqis tal-kapital tista' tiġi eżentata, jekk din iż-żieda tiġi fi żmien erba' snin mit-tnaqqis fil-kapital."

3. Fl-Artikolu 8, il-frażi intoduttorja għandha tinbidel b'dan li ġej:"Bla ħsara għall-Artikolu 7(1), l-Istati Membri jistgħu jeżentaw mid-dazju kapitali t-transazzjonijiet li għalihom saret referenza fl-Artikolu 4(1) u (2) rigward:".

Artikolu 2

Direttiva 73/80/KEE hija b'dan imħassra.

Artikolu 3

Stati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1986. Huma għandhom minnufih jinfurmaw il-Kummissjoni dwar dan.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fil-Lussemburgu, fl-10 ta' Ġunju 1985.

Għall-Kunsill

Il-President

M. FIORET